MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 458/2012

**Appell Nru.  458/2012**

**Il-Pulizija
Vs
Omissis
Alfreda Bondin**

**Illum 4 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta [detentrici tal-karta tal-identita` numru 762256 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Gunju, 2006 ghall-habta ta' 10.00 a.m. huma jew persuni inkarigati minnhom qalghu hajt divizorju fuq il-bejt ta' Fond 22, Triq il-Herba, Zejtun, liema hajt ilu jezisti mill-1 ta' Settembru, 1989 u dan minghajr il-kunsens tal-kwerelanti, hadu l-ligi b'idejhom bil-konsegwenza li l-istess kwerelanti ma jhossux li jistghu jghixu f'darhom fis-sigurta`.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Ottubru, 2012, li biha, kkundannat lill-appellanta Alfreda Bondin ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt Ewro (€500) liema multa ghandha tithallas sa fi zmien ta’ sitt (6) xhur.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

Rat ir-rikors tal-appellanta minnha pprezentat fil-15 ta’ Ottubru, 2012, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront taghha u tilliberaha minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
1. Fattwalment m’hemm l-ebda prova illi x-xoghol ghamlitu Alfreda Bondin. Anzi l-indikazzjonijiet huma illi ghamlithom persuna ohra. Dan jirrizulta anke mix-xhieda li nstemghet quddiem il-Perit Valerio Schembri.
2. Il-kwistjoni tal-komplicita` trid tigi ppruvata fi kwalunkwe kaz mill-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni trid tipprova illi xi wahda mir-ragunijiet jew ipotesijiet that l-artikolu tal-komplicita` u dan skont l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali.

Il-persuna illi ghamlet il-fatt ghazlet illi ma tixhids ghax setghet tinkrimina ruhha. Prova ulterjuri ma hemmx. Ta’ min jirrileva illi l-istess konjugi Galea qalu min ghamel ix-xogholijiet fattwalment. Ma ngiebet l-ebda prova illi dan sar that l-ordnijiet ta’ Alfreda Bondin jew li ghamlet premessi jew tat l-ghodda jew assistiet lill-awtur fil-fatti jew li b’xi mod sahhet il-volonta` tieghu.

Il-provi tal-prosekuzzjoni jridu jaslu oltre d-dubju ragonevoli. F’dan il-kaz il-Qorti qaghdet fuq ir-relazzjoni tal-Perit illi huwa tekniku u lanqas legali.

Ikkunsidrat:

Irrizulta fil-provi illi l-appellanta Alfreda Bondin u zewgha Anthony jghixu magenb dar ohra tal-parti leza George u Caterina konjugi Galea illi joqghodu fil-fond 20, Triq il-Herba, iz-Zejtun. Il-bejt taz-zewg fondi huwa mifrud minn cint zghir u meta l-konjugi Galea dahlu joqghodu fil-fond taghhom ghollew dan ic-cint sabiex ikun hemm privatezza u ma jkunx hemm access bejn iz-zewgt ibjut. Fil-hdax (11) ta' Gunju tal-elfejn u sitta (2006) fil-ghaxra ta' filghodu (10.00 a.m.) Catherine Galea u zewgha kienu fil-kcina u semghu tahbit fuq il-bejt. Il-konjugi Galea telghu fuq il-bejt u sabu lil Jason Ellul li jigi l-gharus tat-tifla tal-l-appellanta Bondin qed inehhi dan il-hajt fejn qabel kien hemm imwahhlin xi wires. Il-konjugi Galea qalu lil Jason Ellul sabiex ma jkomplix inehhi l-hajt izda telghet l-appellanta u bdiet tghidlu biex ikompli. Fil-fatt George Galea jghid, "Ic-cint kien qed iwaqqghu Jason Ellul, l-gharus tat-tifla tal-imputat ... Lil Jason ghidtlu jieqaf u qabzet l-imputata u heggitu jkompli ..."

B'sentenza moghtija fl-10 ta' Ottubru 2012, il-Qorti tal-Magistrati illiberat lil Anthony Bondin mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu izda sabet lill-appellanta hatja tal-akkuzi u kkundannatha ghal multa ta' hames mitt ewro (€ 500).

L-appellanta hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell. L-aggravju principali tal-appellanta huwa msejjes fuq il-fatt illi ma kinitx hi illi nehhiet ic-cint jew ghamlet ix-xoghol. Irrizulta ampjament ippruvat illi kien Jason Ellul qed ihott il-hajt izda gew imharrka l-appellanta u zewgha. Ma tezisti ebda prova ta' instigazzjoni min-naha tal-appellanta, u billi kienet fuq il-bejt, il-prezenza taghha ma tfissirx komplicità peress illi jrid ikun hemm "a common design" bejn l-awtur u l-komplici. Dan il-"common design" ma rrizultax. Il-persuna illi ghamlet ix-xoghol ghazlet li ma tixhidx sabiex ma tinkriminax ruhha.

L-appellanta argumentat illi jekk xi hadd jidhol id-dar taghha, u dan jigi minnha, u jaghmel xi haga hazina ma

kellhiex tinsab responsabbli hi. Il-provedimenti tal-artikolu 41 tal-Kap 9 huwa esklussivi u ma tistax izzid maghhom. L-awtur tad-delitt, Jason Ellul, ma giex imharrek f'dawn il-proceduri u la l-awtur huwa nieqes ma jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn tezisti komplicità minn persuna illi ma kinitx parti mill-proceduri. Ghalhekk il-Qorti ma kellhiex issib lill-appellanta hatja bhala komplici.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-ewwelnett l-ewwel Qorti filwaqt illi illiberat kompletament lil zewg l-appellanta, sabet lill-appellanta hatja bhala awtur tal-akkuzi migjuba kontra taghha. Dawn l-akkuzi jirrigwardaw ir-reat ta' ragion fattasi, meta Jason Ellul, fuq dritt illi ppretenda illi ghandu, nehha cint illi kien imtella' minn terz kontra l-volontà u kontra l-istess projbizzjoni tat-terz. Jidher illi f'dan il-kaz mhuwiex kontestat ukoll li l-elementi ta' ragion fattasi jissussistu. Però l-appellanta qieghda targumenta illi dawn l-elementi ma japplikawx ghaliha izda ghal Jason Ellul u la Jason Ellul ma giex imharrek f'dawn il-proceduri, kwindi hi ma setghetx issib ruhha responsabbli anki bhala komplici ghal dawn ir-reati.

Ikkunsidrat:

Kif tajjeb argumentat l-appellanta biex tezisti l-komplicità jrid ikun hemm dak illi huwa maghruf bhala "a common design" bejn l-awtur u l-komplici. Skont l-appellanta dan ma jirrizultax. Il-Qorti, però ma taqbix. A fol 15 tar-relazzjoni tal-perit tekniku hemm ix-xhieda diretta tal-parti leza George Galea illi filwaqt illi gharaf lil Jason Ellul, sema' lill-appellanta illi kienet prezenti fuq il-bejt u hegget lil Jason Ellul ikompli bix-xoghol illi kien qieghed jaghmel. L-artikolu 42 tal-Kap 9 illi jitratta dwar il-komplicità, fis-sub artikolu (e), jinghad li persuna titqies komplici f'delitt jekk hija "tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah."

Irrizulta minghajr ebda dubju dettat mir-raguni illi f'dak il-mument fuq il-bejt, Jason Ellul kien qed ihott il-hajt, l-

appellanta kienet qieghda ssahhah il-volontà tieghu sabiex jissokta fit-twettieq tar-reat. U hawn qieghed il-"common design" bejn l-awtur Jason Ellul u l-appellanta – it-tnejn riedu jnehhu dak il-hajt, wiehed qed jesegwixxi u l-ohra qieghda ssahhah il-volontà tieghu. Dan jaqa' nettament taht ic-censura tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-reat ta' ragion fattasi, bil-komplicità tal-appellanta kif jidher espressament mill-artikolu 42(e) tal-istess Kodici Kriminali. Ghalhekk, l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. F'dan il-kaz ma tistax tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------